Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 52

Data tal-laqgħa: 14 ta' Settembru 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt - Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Andrè Grech – Kunsillier

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Il-laqgħa bdiet mal-wasla tas-Sindku, fl-4.30pm, peress li nqabad fuq impenji oħra. Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

52.1.1 Is-Sindku ressaq l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Andrè Grech fejn infurma li ma setax jattendi għal-laqgħa. Il-Kunsill unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

## 52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

52.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 50 u ta' Laqgħa Urġenti Nru. 51. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

52.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

52.2.3 Is-Sindku ippropona li tiġi sospiża l-*Agenda* u jiġi diskuss ilment peress li kien hemm resident preżenti speċifikament għal dan l-ilment. Il-Kunsill unanimament approva.

52.2.4.1 <u>*Parking bay* fi Buontempo Estates</u>
Resident ilmenta li qed jiġi ostakolat l-aċċess għad-dar tiegħu nru 60 minħabba vetturi pparkjati ħażin fuq *parking bay* twila 8m. TM qed jitolbu lill-Kunsill biex iċekken din il-*parking bay* għal 6m (skond l-i*standards* ta' TM) u l-kumplament isir jew 1m dyl fuq kull naħa jew MC bay.

52.2.4.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jċekken il-*parking bay* kif indikat minn TM u l-kumplament isir MC Bay.

52.2.4.3 Apparti minn hekk, ir-resident talab li jitwaħħlu *bollards* faċċata għax qed jipparkjaw fuq dyl fil-kantuniera. Se tiġi ċċekkjata ż-żona.

## 52.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

52.3.1 <u>Para 50.3.3 – Tneħħija ta' Ġebla antika fi Triq Il-Kbira k/m Triq Santa Marija</u>
Is-Sindku infurma li għad irid ikellem lill-Kappillan fuq it-tneħħija tal-ġebla.

52.3.2 <u>Para 50.3.4 – Mwejjed u siġġijiet</u>
Is-SE infurmat li l-avukata tal-Kunsill bagħtet *reminder* lill-MTA fis-7 ta' Settembru 2022. Sal-lum għadna mingħajr tweġiba.

52.3.3.1 <u>Para 50.3.5 - *Cul-de-sac* fi Vjal Sir M A Refalo</u>
Is-Sindku infurma li resident minn dik iż-żona infurmatu lid-dyl ma solvewx il-problema u għalhekk qed titlob li jitwaħħlu *bollards*. Din it-talba ma ġietx approvata għax ma nistgħux inwaħħlu *bollards* kull fejn ikun hemm parkeġġ illegali. Se nitolbu għal aktar infurzar.

52.3.3.2 Ġie rrimarkat minn diversi Kunsilliera li l-*Community Police* mhux iwieġbu għat-telefonati / *emails.* Is-Sindku se jikteb lill-Kummissarju u lill-Ministru kkonċernat.

52.3.4 <u>Para 50.3.6 - *Website* tal-Kunsill</u>
Is-Sindku infurma li l-*website* tal-Kunsill lesta.

52.3.5 <u>Para 50.3.8 – Aġġornament fuq Triq il-Qarċilla</u>
Is-Sindku talab lis-SE biex terġa' tibgħat *reminder* lill-Perit biex jipprepara d-dokumenti biex tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

52.3.6 <u>Para 50.3.9 - Ismijiet ta' toroq</u>
Is-Sindku infurma li għad trid tintbagħat l-ittra lir-residenti tat-toroq ikkonċernati.

52.3.7.1 <u>Para 50.4.3 - Bozoz mal-faċċata ta' Benrikville</u>

L-avukat tal-Kunsill infurmat li l-ittra legali li ntbagħtet lis-sid ma waslitlux. Il-Kunsill qabel li l-ittra għandha tintbagħat lill-persuna li ffirmat ilftehim mal-Kunsill.

52.3.7.2 Is-Sindku infurma li l-Kunsill ma rċieva l-ebda tweġiba mingħand is-sid għall-ittra legali li bagħtet l-avukat tal-Kunsill u għalhekk unanimament il-Kunsill approva li nibgħatu ittra ġudizzjarja.

52.3.8 Para 50.4.5 - Sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Karenza
Kunsillier infurma li l-ħsara li saret fil-bankina hija quddiem sit ta' kostruzzjoni nru. 20 fi Triq il-Karenza. Se ssir spezzjoni.

52.3.9 Para 50.4.6 - Ħofor fi Triq il-Providenza
Is-SE infurmat li din għadha pendenti.

52.3.10 Para 50.4.7 - Applikazzjoni għall-*Bollards* – Każini
Is-SE infurmat li dalgħodu stess għadha kemm bagħtet reminder lill-TM.

52.3.11 Para 50.13 - Sinjali ġodda kontra l-ħmieġ tal-klieb
Is-SE infurmat li qed jinġabru kwotazzjonijiet għall-istampar ta' *stickers* ġodda.

## 52.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

52.4.1.1 Ħmieġ fi Sqaq Nru 2, Triq il-Providenza
Is-Sindku infurma li irċevejna *email* dwar il-problema ta' ħmieġ tal-ħamiem u ħmieġ li jitħalla mill-*cat feeders* f'dan l-isqaq. Qed jinfurmaw li jekk is-sitwazzjoni se tippersisti se jieħdu passi legali kontra l-Kunsill.

52.4.1.2 Is-Sindku qal li bħala Kunsill tkellimna mall-kennies, fejn ikkonferma li l-isqaq jinkines skond l-iskeda. Il-problema hi li l-ħmieġ tal-ħamiem jitnaddaf bl-ilma. Is-Sindku qal li llum l-isqaq ġie mnaddaf bil-*power wash* permezz ta' bowser (spejjeż addizzjonali għall-Kunsill) imma ovvjament wara ftit siegħat jerġa' jitħammeġ.

52.4.1.3 Fuq parir li ingħatajna, biex intaffu l-problema il-Kunsill infurma lill-Pulizija biex jinfurzaw fuq il-ħmieġ li jitħalla mill-*cat feeders*. Infurmajnihom ukoll biex jinfurzaw il-*bye-law* dwar il-kontroll tal-ħamiem. Apparti minn hekk se jiġu ordnati tabelli biex ninfurmaw li huwa illegali li titma l-ħamiem u li tħalli ikel fit-triq wara li titma l-qtates.

52.4.1.4 Il-Kunsillier Stephen Gatt issuġġerixxa li l-Kunsill jixtri *power wash* biex ikun jista' jsir ħasil aktar regolari. Ser inġibu xi kwotazzjonijiet.

52.4.2 Trinka fi Vjal De Paule
Is-Sindku infurma li bagħat *reminder* lill-IM dwar it-trinka li saret fi Vjal De Paule.

52.4.3 Triq Idmejda
Is-Sindku talab li nibgħatu ittra ġudizzjarja lill-WSC peress li l-ittra legali ma rrispondewx għaliha u x-xogħol għadu sarx. Il-Kunsill qabel.

52.4.4.1 Taxi stand quddiem il-Corinthia
Is-Sindku infurma li TM approvaw u għamlu *taxi stand* quddiem il-Corinthia fejn it-tabelli li kienu twaħħlu biex jinfurmaw li dak huwa parkeġġ privat tal-lukanda u għalhekk titqajjem id-domanda kemm vera dik il-parti hija privata.

52.4.4.2 Kien hemm qbil li nistaqsu lill-TM dwar jekk dawk it-tabelli kienux approvati minnhom u jekk le meta se jneħħuhom.

52.4.5.1 *Park Lane Project*
Is-Sindku infurma li l-PA għadhom kif approvaw l-applikazzjoni għall-iżvilupp. Qal ukoll li bħala Sindku għamel l-intervent tiegħu fil-laqgħa tal-PA meta ġiet diskussa l-applikazzjoni. Kien hemm qbil li niċċekkjaw kemm jiswa biex jiġi sottomess appell u d-data sa meta jista' jiġi sottomess, dan biex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi jekk jappellax.

52.4.5.2 Dwar iż-żewġ siġriet ta' quddiem is-sit, kien hemm qbil li niktbu lill-ERA biex nitolbuhom jinfurmawna dwar x'miżuri se jieħdu biex is-siġar jibqgħu hemm u jaraw li ma ssirilhom l-ebda ħsara b'dan l-iżvilupp. Dan għaliex dawn is-siġar għandhom il' fuq minn 100 sena u huma protetti.

52.4.5.3 Apparti minn hekk, il-Kunsill talab li jsir *trimming* taż-żewġ siġriet u tas-siġar li hemm quddiem *Smugglers* għax kibru ħafna li kważi qed imissu mal-bini. Is-SE se tapplika mal-ERA.

## 52.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

52.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 52.6 Rapporti

52.6.1.1 <u>L-Ittra ta' Direzzjoni 2021 u r-Risposta tal-Kunsill</u>
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Ittra ta' Direzzjoni li waslet fis-7 ta' Settembru 2022 (li ġġib id-data tal-25 ta' Awwissu 2022) u r-risposta ssuġġerita tal-Kunsill. Kopja ta' dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

52.6.1.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Mary Louise Briffa, li kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni ġiet approvata unanimament. Din ser tintbagħat lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, lill-Awditur Ġenerali u lill-Udituri tal-Gvern Lokali.

## 52.7 Skemi Finanzjarji

52.7.1.1 <u>SPI/SCI/09/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/09/2022 li tinkludi d-dokumentazzjoni kollha mitluba fl-applikazzjoni, inkluż l-ispiża u dikjarazzjoni mill-*accountant* tal-Kunsill. Jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, l-iskema ser tkun qed tkopri 85% tal-ispiża.

52.7.1.2 Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni. Il-Kunsill approva wkoll li jiffinanzja 15% tal-ispiża.

52.7.2.1 <u>Proġetti Sostenibbli</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għal skema għal proġetti sostenibbli maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, li tinkludi d-dokumentazzjoni kollha mitluba fl-applikazzjoni. Jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, l-iskema ser tkun qed tkopri 85% tal-ispiża.

52.7.2.2 Il-Kunsill unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni.

## 52.8 Vakanza ta' Skrivan (Skala 15)

52.8.1 Is-SE infurmat li qed tistenna l-lista mill-Jobsplus tal-persuni eliġibbli għal din il-vakanza.

52.8.2 Is-SE infurmat ukoll li l-iskrivana (*part-time*) l-ġdida Bridget Bugeja għadha kif tat ir-riżenja tagħha u minħabba raġuni ta' saħħa il-ġimgħa *notice* ser tagħmilha *sick*. Il-Kunsill unanimament approva biex immedjatament jibda l-proċess għall-ingaġġ ta' skrivan (skala 15) biex jissostitwixxi l-iskrivana li ser titlaq. Il-Kunsill approva li minflok *part-timer* ningaġġaw *full-timer*. Is-SE se tikteb lid-DGL biex jinħareġ il-permess sabiex jibda l-proċess.

52.8.3 Is-Sindku se jikteb lir-Reġjun u lill-AKL biex jinfuramhom bis-sitwazzjoni. Is-SE se titkellem mar-Reġjun biex jekk jistgħu jgħinuna billi jibgħatulna l-ħaddiema nhar ta' Sibt.

52.8.4 Is-SE infurmat li huwa impossibbli li l-Assistent Prinċipal tagħmel ix-xogħol tagħha u tat-tnejn li telqu u għalhekk il-Kunsill approva li sal-aħħar ta' Settembru, l-uffiċċju jibqa' magħluq nhar ta' Erbgħa u mill-1 ta' Ottubru l' quddiem jibqa' jiftaħ bil-ħinijiet tas-Sajf (filgħodu biss), sakemm insibu impjegati ġodda. Dan biex ikun hemm ċans isir ix-xogħol ta' *back office*.

## 52.9 Jum Ħal Balzan 2022

52.9.1 Kif ġie approvat fil-laqgħa li għaddiet, Jum Ħal Balzan din is-sena se jiġi ċċelebrat is-Sibt 22 ta' Ottubru fis-7.30pm u f'każ li jkun maltemp, jiġi ċċelebrat is-Sibt ta' wara.

52.9.2 Is-Sindku qal liż-żewġ Każini ser jkunu qed jagħmlu kunċert ta' siegħa u nofs bħala banda waħda. Mal-banda se tingħaqad ukoll persuna ddoq l-arpa.

52.9.3 Il-Viċi Sindku se tieħu ħsieb iġġib il-kwotazzjonijiet neċessarji fejn tidħol l-organiżżazzjoni tal-attività (bħal kiri ta' dawl u *sound*, etc). Is-SE se tibgħat l-ittri lill-persuni li se jingħataw il-Ġieħ.

52.9.4 Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel dwar kif ser tiġi organiżżata l-attività.

## 52.10 *Embellishment* f'Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina

52.10.1 Peress li dan il-proġett ser ikun qed jaħdem fuqu l-Kunsillier Andrè Grech, ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 52.11 *E-scooter parking*

52.11.1 Is-Sindku infurma li l-Gvern se jkun qed joħroġ regoli dwar dan. Is-Sindku qal li minn informazzjoni li għandu, waħda mill-affarijiet li se jkun hemm hi li l-Kunsilli se jkollhom ir-responsabbiltà biex jidentifikaw żoni ta' parkeġġ għal dawn l-*e-scooters.*

52.11.2 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jilħqu jaħsbu f'żoni fejn jistgħu jiġu pparkjati iu din l-*item* tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 52.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

52.12.1 Akkumulu ta' *leave* għas-sena 2023
Is-SE talbet lill-Kunsill għall-approvazzjoni permezz ta' reżoluzzjoni sabiex takkumula 80 siegħa mill-*leave* tal-2022 ma' tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill approva unanimament.

52.12.2.1 Kwotazzjonijiet għall-provvista tas-Servizz ta' Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill
Is-SE infurmat lill-Kunsill li talbet lill-erba' kumpaniji għal kwotazzjoni għall-provvista tas-Servizz ta' Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill għall-perjodu ta' sena.

52.12.2.2 Il-Kunsill unanimament approva l-unika offerta li waslet ta' *Antes Insurance Brokers Limited.*

52.12.3.1 Kiri ta' vettura biex tintuża mill-*Community Police*
Is-SE ressqet kwotazzjoni għall-kiri ta' vettura għall-*Community Police* bejn il-Kunsilli Lokali ta' Ħal Balzan, Ħal Lija, Ħ'Attard u Iklin. L-ispiża hi ta' €350 (VAT esklużi) fix-xahar bejn l-erba' (4) Kunsilli.

52.12.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u approva l-kwotazzjoni għal perjodu ta' sena biss. Kien hemm qbil ukoll li jiġi nstallat datatrak mal-vettura sabiex jiġi assigurat li l-vettura tintuża biss fil-konfini tal-erba' lokalitajiet u l-*fuel* mhux ser ikun kopert mill-Kunsill.

52.12.4.1 Ħsara fil-katusi tad-drenaġġ ta' dar fi Triq il-Kbira
Resident ta' dar 41, Triq il-Kbira qed jilmenta li għeruq ta' siġra li hemm fuq il-bankina qed tagħmillu ħsara fil-katusi tad-drenaġġ. Ir-resident ressaq rapport b'CCTV, fejn qed juri għeruq fil-pajpijiet.

52.12.4.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ninfurmaw lill-kuntrattur tal-*Parks & Gardens* bil-każ u jtina parir x'jista' jsir mingħajr ma jsir l-ebda ħsara lis-siġar.

52.12.5.1 Talba għal *traffic lights* jew *zebra crossing* f'Wied Ħal Balzan
Resident qed jitlob li jsiru *traffic lights* jew *zebra crossing* quddiem il-*Convenience Store*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal permess ma' TM biex issir zebra crossing.

52.12.5.2 Resident ieħor qed jitlob biex issir *zebra crossing* fejn l-*ex-Pasta factory*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal permess ma' TM.

52.12.6.1 Tneħħija ta' Ġebla antika fi Triq Il-Kbira k/m Triq Santa Marija

Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma li l-Kappillan qed jaċċetta li titneħħa l-ġebla minn mal-faċċata, però qed jitlob li jiġi mwaħħal xi tip ta' pilastru tal-ħadid minflok biex tevita vetturi u trakkijiet milli jagħmlu ħsara lill-faċċata.

52.12.6.2 Se jiġi ċċekkjat mal-Perit u l-avukat tal-Kunsill jekk din issolvix il-problema.

## 52.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

52.13.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 09/22, li tinkludi l-ammont ta' €136.05c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Awwissu 2022.

52.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Mary Louise Briffa, li kienet issekondata mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 52.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

52.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.10pm.

52.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 18 ta' Ottubru 2022 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 18 ta' Ottubru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |